**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| IL-ĦAMES SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

Isem ________________________________

Klassi ________________________________

TOTAL TAL-MARKI [ ]

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.




**Studji Soċjali 2004**




## A. Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba.

1. Fil-parti l-qadima tar-raħal Malti nsibu toroq (ġodda, wisgħin, dritti, dojoq).
2. L-istaġuni tas-sajd f'Malta huma (2, 3, 4, 6).
3. Meta nġibu prodotti minn pajjiżi oħra, inkunu qed (nesportaw, nisfidaw, nimpurtaw, niċċelebraw).
4. Iċ-Ċittadella t'Għawdex kienet magħrufa bħala (Ċittà Notabile, Malet, l-Belt Siekta, l-Gran Kastell).
5. Nuru (sodisfazzjon, dwejjaq, rabja, solidarjetà) meta jirnexxilna naħsbu f'min qiegħed ibati jew għaddej minn xi mument diffiċli.
6. Ir-Re Alfonsu kien ir-re fi żmien (Gonsalvo Monroy, Zeus, Ġużeppi Calì, Dun Karm Psaila).
7. Il-Logħob Olimpiku jsir kull (3, 4, 5, 6) snin.
8. Il-Birgu, Bormla u l-Isla jinsabu viċin tal-Port (ta' l-Imġarr, taċ-Ċirkewwa, ta' Marsamxett, il-Kbir).
9. F'Wied il-Għajn u fil-Qbajjar nistgħu naraw xi (kavetti, fish farms, salini, Reverse Osmosis) fejn jinġabar il-melħ.
10. F'Malta nsibu (5, 6, 7, 8) impjanti tar-Reverse Osmosis.
11. Lukanda lussuża ħafna tkun immarkata b'(2, 5, 7, 10) stilel.
12. (Negozjant, Importazzjoni, Esportazzjoni, Merkanzija) tfisser bejgħ ta' oġġetti barra minn Malta.
13. Meta jfur d-drenaġġ il-baħar ikun (kalm, imqalleb, imniġġes, nadif).
14. (Tanker, Luzzu, Kajjik, Jott) huwa bastiment kbir li jġorr iż-żejt.
15. (Ruma, Ateni, Ċipru, Il-Kajr) hija l-belt ewlenija ta' l-Eġittu.

**(15-il marka)**

**B. Agħmel ċirku madwar il-postijiet li tista' tara fl-Imdina.**

| | | |
|---|---|---|
| Dar Normanna | Port il-Kbir | Barrakka ta' Fuq |
| Palazz ta' l-Isqof | Mużew tal-Katidral | Kastell Verdala |
| Ipoġew | Funtana ta' Tritoni | Katidral |
| | Mużew ta' l-Istorja Naturali | |

**(5 marki)**

**Ċ. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **ċattra** | **dilettanti** | **kannizzata** | **xemx** | **baħar** |
| **palm** | **bandiera** | **dell** | **xogħol** | **ċangun** |


*Port ta' l-Imġarr*

Is-sajd huwa x- _______________ prinċipali għal ħafna sajjieda. Hemm oħrajn li huma biss _______________. Is-sajjieda jgħaddu ħafna ħin fuq il- _______________. Fl-istaġun tal-lampuki s-sajjieda jippreparaw il- _______________ . Din tkun bħal _______________ kbira magħmula minn sufri, xkejjer u weraq tal- _______________ li jżommu f'wiċċ l-ilma. Is-sajjieda jpoġġu _______________ f'wiċċ il-kannizzata biex ikunu jafu fejn hi qiegħda. Mal-kannizzata jorbtu wkoll _______________ sabiex ma tintelaqx mal-kurrent u tintilef. Biex jistkennu mix- _______________ , il-lampuki jmorru għad- _______________ tal-kannizzata.

**(10 marki)**

## D. Poġġi numru minn Kolonna A fil-kaxxa ta' ħdejn Kolonna B.

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Rispett | | Intlift fil-folla. |
| 2. | Onestà | | Nixtieq il-ħwejjeġ ta' ħaddieħor. |
| 3. | Vandaliżmu | | Nipprepara għall-Milied. |
| 4. | Ċittadin tajjeb | | Inkisser l-affarijiet u nagħmel il-ħsara. |
| 5. | Solidarjetà | | Ma nigdibx u ngħid il-verità. |
| 6. | Biża' | | Nara lis-surmast u nsellimlu. |
| 7. | Responsabbiltà | | Ngħin lil min ikollu bżonn l-għajnuna. |
| 8. | Entużjażmu | | Nobdi l-liġijiet. |
| 9. | Diżappunt | | Nagħmel ix-xogħol dejjem. |
| 10. | Għira | | Mort ħażin waqt eżami. |

**(10 marki)**









## E. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet biex jagħmlu sens. (10 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **kenn** | **puntuni** | **Marina** | **żgħar** | **Manoel** |
| **baħar** | **xatt** | **Port** | **tarzna** | **elettriku** |

Fil- ____________________ ta' Marsamxett jidħlu ħafna jottijiet. Fil-Yacht ________________________ ta' l-Imsida jsibu l- ____________________ jottijiet kbar u jottijiet __________________ . Meta jersqu lejn ix- __________________ , is-sidien ifittxu posthom ma' wieħed mill- __________________ li hemm f'wiċċ il- __________________ . Hawn isibu l-kumditajiet kollha meħtieġa bħal ilma tal-vit, dawl __________________u telefon. Fuq il-gżira __________________ hemm __________________ għall-jottijiet.



## F. Agħmel din il-marka ✓ fil-kolonna t-tajba. (10 marki)

| | **Il-Port il-Kbir** | **Il-Freeport** |
|---|---|---|
| 1. Tarzna | ✓ | |
| 2. Kontejners | | |
| 3. Bormla | | |
| 4. Cruise liner | | |
| 5. Trasbord | | |
| 6. Baċir | | |
| 7. L-Isla | | |
| 8. Pixkerija | | |
| 9. Bini ta' vapuri | | |
| 10. Il-Birgu | | |
| 11. Marsaxlokk | | |



## Ġ. Imla din it-tisliba. **(10 marki)**

| Mimdudin | Weqfin |
|---|---|
| 2. Il-bandiera Olimpika fiha ħames ____________ b'kuluri differenti. | 1. Il-kap tal-Kunsill Lokali. |
| 4. Is-sajjieda jżommu l-ħut fiha meta jaqbduh. | 3. Post għas-sajd ġewwa Għawdex. |
| 7. L-ilma jsir fwar. | 5. Il-flus fi żmien Monroy. |
| 9. Dan huwa ċentru tat-trasbord. | 6. Valur ċiviku – Inċedi posti lil xi anzjan/a fuq xarabank. |
| 10. L-Imdina u ċ-Ċittadella huma mdawrin bis-____________. | 8. Hawnhekk isewwu l-vapuri. |



## G. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.



It-torri ta' San Luċjan qiegħed Marsaxlokk. Fl-imgħoddi, it-torri kien jiddefendi lill-Maltin mill-attakki tal-furbani.

Il-kavallieri ta' San Ġwann bnew dan it-torri. Fl-1988 it-torri sar iċ-Ċentru Nazzjonali ta' l-Akwakultura. F'dan iċ-ċentru ssir riċerka fuq il-ħut u jsir tkabbir tal-ħut. Hawnhekk ifaqqsu u jkabbru ħut bħall-awrat u l-ispnott. Jistudjaw ukoll fuq il-ħut. Għalhekk dan iċ-ċentru hu fishfarm fuq l-art. Meta l-ħut jikber, ipoġġuh f'gaġeġ apposta li jkunu fil-baħar.

Meta l-ħut jikber aktar, jiġbruh mill-gaġeġ. Wara jpoġġuh mill-ewwel ġo kaxxi mimlija bis-silġ. Dan jagħmluh biex jibqa' frisk. Aħna nesportaw ħafna minn dan il-ħut, l-aktar lejn l-Italja.

1. Fejn jinsab it-torri ta' San Luċjan? ______________________
2. Min bena dan it-torri? ______________________
3. Għalfejn kien inbena? ______________________
4. Kif inhu magħruf illum dan it-torri? ______________________

   ______________________
5. Semmi **2** ħutiet li jitrabbew f'dan iċ-ċentru: __________, __________
6. Xi jsir illum f'dan iċ-ċentru?

   (a) ______________________

   (b) ______________________

   (ċ) ______________________
7. Għaliex 'il-ħut jagħmlulu s-silġ fuqu? ______________________

   ______________________

**(10 marki)**



**GĦ. Fuq din il-mappa tal-gżejjer Maltin, ikteb fejn jiġu l-portijiet tas-sajjieda. Agħżel minn dawn:**

| | | |
|---|---|---|
| **Marsaxlokk** | **Marsalforn** | **Mġarr** |
| **San Pawl il-Baħar** | **Wied iż-Żurrieq** | **Xlendi** |




**(6 marki)**

## H. Kompli din is-silta fuq il-Kunsill Lokali.

Kull belt u raħal Malti għandu l-Kunsill Lokali tiegħu. Fil-gżejjer Maltin hawn ______________ Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali hu magħmul minn grupp ta' nies li jissejħu ________________. Kull ________________ snin issir elezzjoni biex jagħżlu lil dawn in-nies. In-nies tal-post li jkunu għalqu ______________ -il sena jkunu jistgħu jivvutaw.

RABAT
*Città Vittoria*

**(4 marki)**

**Ħ. Ikteb paragrafu ta' 5 sentenzi biex turi x'taf dwar *wieħed* minn dawn:** **(10 marki)**

1. Il-Logħob Olimpiku
2. L-Imdina
3. Iċ-Ċittadella
4. It-turiżmu fil-gżejjer tagħna
5. Ir-raħal jew il-belt fejn noqgħod
6. L-Irvell kontra Gonsalvo Monroy



*__Tmiem il-Karta__*